



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13480/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0338 (NLE)

AVIATION 219
RELEX 946
RHJ 6

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fi
ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-
Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda,
u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, fuq in-naħa l-oħra fir-rigward tal-adozzjoni
tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni
fi ħdan il-Komitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda,
u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, fuq in-naħa l-oħra
fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Komitat Konġunt**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan minn naħa l-oħra¹ ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/953² u daħal fis-seħħ fit-2 ta' Awwissu 2020.
- (2) L-Artikolu 21 tal-Ftehim jistabbilixxi kumitat, kompost mir-rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti ("il-Kumitat Konġunt"), biex jiżgura l-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni korretta tal-Ftehim.
- (3) L-Artikolu 21(3) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt irid jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.
- (4) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tal-Ftehim, jenħtieġ li r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt jiġu adottati.

¹ ĠU L 334, 6. 12.2012, p. 3

² Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/953 tas-26 ta' Ġunju 2020 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra (ĠU L 212. 3.7.2020, p 12).

- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f' isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt, peress li d-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu ser ikollha effetti legali għall-Unjoni. Jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 21 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Kongunt¹.
2. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu ma' tibdiliet minuri fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Ara d-dokument ST 13481/20 fuq <http://register.consilium.europa.eu>